Kunsill Lokali Żejtun
28, 'Dar iż-Żwieten', Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt
website:www.zejtunlocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Seduta | Laqgħa Pubblika |
| Data | 14/02/2013 fis-6.15pm |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali Żejtun, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZT |

ŻEJTUN
Citta' Beland

| | | |
|---|---|---|
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephania | Preżenti |
| | Hales Joseph | Skużat minħabba mard |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Lisa | Preżenti |
| Pubbliku | Sur Tony Cumbo | ID147448M |
| | Ms Doris Abela | ID241463M |
| | Ms Amanda Abela | ID438585M |
| | Sur Sean Chircop | ID521487M |
| | Sur Rennie Gatt | ID201574M |
| | Sur Keith Vella | ID199483M |
| | Sur Anthony Grech | ID117438M |
| | Ms Gilian Zammit | ID82185M |
| | Sr Josephine Borg | ID243336M |
| | Ms Frances Bugeja | ID747645M |
| | Ms Lela Ellul | ID2142M |
| | Ms Annie Zammit | ID876253M |
| | Sur Arthur Desira | |
| | Sur Alfred Portelli | |
| Preżenti wkoll | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |
| | Accountant Lawrence Cauchi | |

**Tqassmu l-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena 2012. Is-Sindku fetaħ u ppreseda l-laqgħa.**

**1. Approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Pubblika 2012**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 1. 1 | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Viċi-Sindku | **Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2012 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** |
| 1. 2 | | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti | |

**2. Ftuħ mis-Sindku**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|

2. 1 Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa biex jiġu preżentati l-financial statements tas-sena 2012.

Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew preżentanti l-financial statements tas-sena 2012. L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Lawrence Cauchi kien preżenti sabiex jagħti spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport. Is-sena għalqet b'bilanċ ta' €7,820. Il-Kunsill b'mod unanimu approva dan ir-rapport. Is-Sindku spjega li issa dan ir-rapport imur għand l-Awditur tal-Gvern fejn il-Kunsill jintalab iwieġeb għal mistoqsijiet.

Is-Sur Cumbo staqsa dwar €200,000 li kellhom jinġabru miċ-ċitazzjonijiet ma nġabrux. Is-Sindku spjega li dawn ġew bad debts u għalhekk iridu jinqatgħu minn fuq il-kotba tal-Kunsill.

Is-Sindku għarraf lill-pubbliku li għalkemm il-Kunsill Lokali ikollu l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, huwa jaħdem għal fondi oħrajn bħal Urban Improvement Fund li huwa magħmul mill-iżiluppi li jsiru fil-lokal. Il-Kunsill Lokali jissottometti proġett fil-MEPA u jekk jiġi approvat, ikun jista' jieħu fondi biex iwettaq il-proġett. Eżempju ċar huwa Misraħ Indipendenza.

Il-Kunsill ukoll applika għal proġett ta' l-EU fi ħdan il-Gal Xlokk. Il-proġett jismu mixja minn kappella sa kappella li jirreferi għal xogħol mill-kappella ta' Ħal Tmin fi Triq Strejnu għal kappella ta' San Niklaw fi Triq Xrobb l-Għaġin. Ix-xogħol fuq dan il-proġett mexa ġmielu iżda għadu ma tlestiex. Dan il-proġett ser jiswa madwar €300,000. Il-Kunsill qed jinsisti sabiex isir id-drenaġġ f'din iz-zona. Il-pjanti ilhom approvati madwar 5 snin. Hekk kif beda x-xogħol instabu fdalijiet arekologiċi u għalhekk inġib Perit fuq il-post, saru l-estimi tad-drenaġġ u issa d-dipartiment informa lill-Kunsill li m'hemmx fondi biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku spjega li għalhekk huwa diffiċli li tasal, ma tridx taqta' qalbek. Il-Kunsill ukoll ġab flus biex isiru mogħdijiet li qatt ma saru.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill mhux bankini u toroq iżda l-lokal bin-nies tiegħu. Il-wirt inprezzabbli li għandu ż-Żejtun huma l-bdiewa full time li l-Kunsill jgħin biex jiżviluppaw. Is-Sindku spjega li trid issir ħidma sabiex il-bdiewa żgħażagħ jingħataw paga bħall-istudenti universitarji biex b'hekk inkomplu nsaħħu dan il-wirt. Iż-Żejtun huwa l-aktar raħal f'Malta li jipproduċi ħalib. Huwa għandu madwar 11 -il razzett tal-baqar.

Is-Sindku rrapporta lill-pubbliku preżenti xogħlijiet infrastrutturali li wettaq lill-Kunsilll fosthom fi Triq il-Labour, Ħal Tmiem, Misraħ Indipendenza u Sqaq Sant'Anġlu. Ix-xogħol fi Triq il-Labour sar mill-ħaddiema ssekondati mill-Gvern lill-Kunsill. L-ispejjeż involuti kienu l-materjal bħal bricks u l-konkos. Id-dwal ġew disinjati mis-Sindku.
Is-Sindku semma wkoll ix-xogħol fuq l-uċuħ ta' toroq taħt l-iskema tal-Public Private Partnership. Ix-xogħlijiet li saru kienu fuq Triq il-Ħelsien, il-parti t'isfel ta' Triq Santa Katarina, Triq Lvant,parti ta' fuq ta' Triq Bandolier, Triq Bisqallin u id-dħul ta' Vjal 25 ta' Novembru. Il-ħlas ta' dawn it-torq ser isir fuq bazi ta' 8 snin. Sitt toroq oħra kienu pjanati li jsiru. Dawn Is-Sindku spjega li l-klassifikazzjoni tat-toroq issir minn TM. Triq Bir id-Deheb sa Bulebel u Triq President A. Buttiġieġ huma toroq li spiċċaw u saru madwar 30 sena ilu. Il-Kunsillier Pace irraporta li qed isiru l-estimi għal extended patching f'toroq bħal Triq A. Cachia Zammit.

Is-Sindku semma wkoll ix-xogħol li sar fuq il-komun ta' blokki ta' Ħal Tmiem u Ta' Ganza. Dan huwa proġett li għalih ħdimna flimkien mal-Housing. Ġiet allokata is-somma ta' € 5,00 għal kull blokk. F'Ħal Tmiem daħlu 19-il blokk filwaqt li Ta' Ganza saru l-blokki kollha. Ġew iffurmati l-Kumitati Amministrattivi f'kull blokk. S'issa l-Amministraturi qed jistennew il-ħlas dovut lilhom. Min-naħa tal-Kunsill sar xogħol fuq il-passaġġi u ħitan li kienu spiċċaw u saru ġodda. Il-pass li jmiss ikun li jsiru s-soqfa u l-blokki minn barra. Is-sena d-dieħla jkun imiss il-blokki ta' Ġebel San Martin.

Is-Sindku semma l-ħidma li saret flimkien mal-kunsillier Richard Darmanin mat-TM u l-kumpanija Arriva. Dan peress li l-venda tneħħiet miż-Żejtun u għalhekk iż-Żwieten spiċċaw bla karozza. Saret ukoll ħidma biex in-nies ta' Ġebel San Martin ikunu moqdija aħjar. Għad fadal xi jsir fosthom karozza tal-linja għan-nies ta' Ħal Tmiem li twassalhom Raħal Ġdid.

Is-Sindku għalaq id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Kunsilliera li mhux ħa joħorġu għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li jmiss u faħħar il-kontribut li taw waqt li servew fil-Kunsill Lokali.

**3. Preżentazzjoni ta' rapporti tal-Kunsilliera u rapport finanzjarju**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| | | Viċi-Sindku: Sotto Kumitat Familja, Anzjani, Persuni b'Dizabilita' | Il-Viċi-Sindku faħħret il-kontribut li jagħtu l-membri tas-sotto kumitat. Hija semmiet il-faqar li qed jikber ġewwa l-lokalita'. Hija ssegwi l-każijiet soċjali u tagħti assistenza permezz tad-dipartiment governattivi. |

Hija semmiet iż-żjarat li sjiru 3 darbiet fis-sena ġewwa St. Vincent De Paule u Zejtun Home li fihom hemm 76 u 50 Żwieten rispettivament. Bħalissa qed issir extension u xogħol ta' refurbishment fiż-Żejtun Home. Hija semmiet ukoll id-Day Care Centre li jgħin lill-anzjani biex jibqgħu b'saħħithom fiżikament u psikoloġikament. Is-sena 2012 kienet is-sena dedikata lill-volontarjat u ittella proġett pilota bl-isem Tfal Jadottaw Anzjan. Dan il-proġett intlaqa' tajjeb ħafna u qed issir ħidma biex dan il-proġett isir fuq skala nazzjonali.

Il-Viċi-Sindku semmiet il-Kids Club li jiltaqa' kull nhar ta' Sibt bejn it-3 u l-5pm ġewwa c-Child Day Care Centre fejn isiru crafts u personal skills.

Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-pubbliku preżenti li l-Kunsill Lokali taż-Żejtun huwa l-ewwel Kunsill li ser ikollu Child Day Care Centre. Dan iċ-ċentru inbena mill-flus li l-Kunsill daħħal miċ-ċitazzjonijiet u mill-kera tat-tribunal. Dan iċ-ċentru inbenda minflok area li kienet isservi ta' mizbla li tnaddfet u ddawret fi proġett ambizzjuz. Il-Kunsill ingħata fondi ta' €40,000 mill-Gvern Ċentrali u ingħata wkoll donazzjoni ta' €25,000 mis-Sinjura Janice Abela Crompton biex saret l-għamara. Dan iċ-ċentru ser jissemma il-Manuċċa Child Day Care Centre.

Ma setax jonqos li jissemmew id-diversi ħarġiet li s-sotto kumitat jorganizza. Matul is-sena jiġu organizzati korsijiet tal-krafts għall-adulti filwaqt li fil-jiem tas-sajf isiru l-korsijiet għat-tfal. Ittellgħu wirjiet fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat bix-xogħlijiet li saru mill-istudenti li attendew il-korsijiet.

Fil-qasam ta' saħħa ingħatat l-injezzjoni ta' l-influwenza, kif ukoll il-qari ta' l-insulina u l-istroke awareness campaign.

Fl-aħħar u mhux l-inqas il-Viċi-Sindku semmiet l-attivita' annwali Żejt iż-Żejtun li kull sena qed tikber. Għalkemm taħbat man-Notte Bianca, qed ikollna rispons qawwi min-nies li jattendu għal din l-attivita.

**A. Seychell: Sotto Kumitat: Storja,Kultura u Turizmu**

Il-Kunsillier Seychell semma l-attivitajiet li daħlu fil-kalendarju kulturali tal-Kunsill Lokali fosthom: Jum iż-Żejtun, It-Tifkira Vittmi tal-Gwerra, Kompetizzjoni ta' l-Inbid, l-Kunċert tal-Milied u l-Gruppi tal-Filatelija u tal-Poeżija li jiltaqgħu b'mod regolari matul is-sena. Hija ta' ħasra li l-grupp tal-poezija qiegħed dejjem jonqos. Il-Kuncert Annwali tal-Milied daħal fit-13 -il edizzjoni. Il-kunċert tas-sena 2012 kien l-aktar wieħed li kellu suċċess. Huwa semma wkoll l-għoti ta' Trofew Carlo Diacono li jingħata sabiex ninkuraġixxu l-arti mużikali liż-żewġ baned Żwieten.

**E. Wille Piscopo: Ambjent**

Il-Kunsilliera Wille Piscopo irringrazzjat lis-Sindku u lil sħaba Kunsilliera tax-xogħol li jwettqu. Hija ħeġġet lill-pubbliku preżenti sabiex jagħmel iktar użu tal-borża l-ħadra. Hija rringrazzjat lis-sotto kumitat tal-familja għat-tqassim tal-boroz ħodor fid-djar. Hija qalet li użu mill-borza l-ħadra qed isir għax l-iskart mill-bring in sites naqas b'mod konsiderevoli. Hija qalet li anke it-tfal għandhom iktar inkuraġġiti jagħmlu dan. Hija x-xewqa tagħha li jitqassam kontenitur f'kull dar sabiex isir recycle taż-żejt.

Il-Kunsilliera Wille Piscopo faħħret il-ħidma ta' tindif li ssir mill-kunsillier Joseph Hales f'diversi zoni madwar il-lokalita'. Huwa jagħmel xogħol f'zoni varji, f'ġonna u soft areas. Bħalissa qed isiru xogħlijiet fuq Ġnien Luqa Briffa, li huwa wieħed botaniku, biex jinzamm fl-istat oriġinali tiegħu. Hija talbet biex isiru iktar litter bins u jiġu introdotti id-dog litter bins.

| | |
|---|---|
| Fenech: Żgħażagħ u Sport | Il-Kunsilliera Fenech faħħret ir-rikezza ta' żgħażagħ li għandu ż-Żejtun. Bħalissa jattendu madwar 50 żagħżugħ u żagħżugħa fil-youths@local. Bħalissa ġie assenjat youth worker li qed jagħmel il-field work tiegħu. Ta' kull sena jitfassal kalendarju ta' x'jixtiequ jagħmlu ż-żgħażagħ. Huma attendew għall-festival Ziguzajg kif ukoll għal diversi attivitajiet bħal KMS High Ropes, Stargazing u end of exams bash. Iż-żgħażagħ ħadu sehem f'attivtajiet filantropiċi bħal carwash liema flus ingħataw lil Fondazzjoni Nazareth, attivita' ta' halloween fejn fiha jinġabru affarijiet ta' l-ikel għal każijiet soċjali. Ittellgħet maratona ta' 24 siegħa futbol miż-Żejtun Corinthians. Fis-Sajf tittella' l-attivita annwali z@freak liema organizzazzjoni tkun kollha f'idejn iż-żgħażagħ filwaqt li matul is-sena isiru laqgħat formali b'temi varji bħal first aid u cyber bullying. Flimkien mal-Health Promotion Dept. ittellgħu sezzjonijiet ta' l-aerobics b'xejn kemm fil-għodu kif ukoll fil-għaxija. Ta' kull sena jattendu ħafna żgħażagħ għal-laqgħa ta' l-MCast fejn fiha tingħata informazzjoni dwar il-korsijiet li jiġu pprovduti f'dan il-Kulleġġ.<br><br>L-aħħar attivita' li saret kienet dik bl-isem SK8 PRK the Wall. Il-krejattivita' u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ħarġet fil-mural li sar fi Ġnien iż-Żgħożija biswit l-iskate park. Hawnhekk il-kunsilliera Fenech irringrazzjat lill-artist Żejtuni Clive Gerada li ħadem fuq id-disinni li s-sottomettew iż-żgħażagħ. |
| Claude Camilleri: Edukazzjoni | Il-Kunsillier Camilleri ta ħarsa lejn il-ħidma tiegħu fil-qasam edukattiv. Matul is-sajf saru diversi korsijiet kemm tal-kompjuter, liema korsijiet ġew estiżi wkoll fix-xitwa u korsijiet edukattivi għat-tfal. Il-korsijiet isiru dejjem b'differenza biex titnaqqas ir-ripetizzjoni. Min-naħa tiegħu issir ħidma kontinwa ma' l-Istitut Paolo Frere li jtella' korsijiet għall-adulti li ma jafux jaqraw u jiktbu. Dan sabiex jitnaqqas l-illiterizmu. Issir ħidma kontinwa wkoll mal-kapijiet ta' l-iskejjel ta' l-istat kemm primarji kif ukoll sekondarji li fihom jattendu ż-Żwieten. |
| Pace: Ko-ordinament ma' Ministeri u Dipartiment tal-Gvern | Il-Kunsillier Pace qal li kien ta' sodisfazzjoni li serva 5 snin u ta kontribut lil-lokalita'. Il-ħidma tiegħu għalkemm astratta hija kruċjali sabiex il-Kunsill jagħmel ko-ordinament mal-Ministeru u Dipartimenti Governattivi waqt ix-xogħlijiet tiegħu. Huwa kiseb diversi kuntatti tul l-10 snin li ilu jaħdem mal-Gvern. |

**4. Diskussjoni mill-Pubbliku**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| | | Sur A. Grech: Triq Palazzi | Is-Sur A. Grech ilmenta dwar l-istat diżastruż li tinsab fih Triq il-Palazzi. Is-Sindku spjega li din hija l-ewwel triq fil-lista ta' l-iskema PPP. Jekk il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tad-dipartiment din it-triq issir mill-ġdid. |
| | | Ms Bugeja: Triq San Gejtanu | Is-Sinjura Bugeja talbet sabiex issir Triq San Gejtanu. Is-Sindku talab lis-Sinjura Bugeja sabiex tagħmel l-ilment tagħha quddiem il-Kunsill Lokali ta' M'Skala peress li din it-triq taqa' fil-konfini ta' l-istess lokalita. |
| | | Ms A. Zammit u Ms L Ellul: Triq San Alfonsu | Is-Sinjuri Zammit u Ellul ilmentaw dwar Triq San Alfonsu. Il-Kunsill laqa' it-talba tagħhom biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. |
| | | Sur T. Cumbo: Ġebel San Martin | Is-Sur T. Cumbo ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żebgħa ta' ħitan u bżonn ta' sorveljanza fi Ġnien iż-Żgħożija. |

| | |
|---|---|
| Sur T. Cumbo: Latrina Pubblika f'Misraħ ir-Repubblika | Is-Sur T. Cumbo irrimarka li fil-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika hemm problema fis-sistema ta' l-ilma u fil-hand driers. |
| Sur T. Cumbo: WIFI | Is-Sur T. Cumbo talab sabiex isir WIFI fi Ġnien iż-Żgħozija. Il-Kunsill spjega li sar kuntatt mal-kumpaniji li jipprovdu dan is-servizz iżda kienet għolja ħafna. Il-Kunsill jittama li meta l-MCA toħroġ skema f'dan ir-rigward japplika għall-WIFI f'dan il-ġnien. Is-Sur Cumbo irrimarka li l-WIFI ta' Ġnien San Girgor mhuwiex b'saħħtu biżżejjed filwaqt li l-WIFI li ġie installat fil-Pjazza ma jintuzax. |
| Sur A. Portelli: Ringrazzjament | Is-Sur A. Portelli irringrazzja lill-Kunsill Lokali għal kull stedina li huwa jirċievi mingħandu. Huwa faħħar il-ħidma li ssir mill-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Żejtun. |
| Sur A. Grech: Ring Road | Is-Sur A. Grech staqsa meta ser tinfetaħ ir-ring road li ilha madwar 30 sena biex issir. Is-Sindku spjega li ż-Żejtun ma jistax jieħu ruħ qabel issir ir-ring road. Huwa semma il-kwistjoni li nqalgħet meta ngħalqet il-parti t'isfel ta' Triq Luqa Briffa. |

**Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45pm**

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv